MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Numru. 98/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca u**
**Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**ANTOINE MONSIGNEUR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Antoine Monsigneur, 42 sena, iben Joseph u Josephine nee' Bugeja, imwieled Pieta' nhar it-12 ta' Jannar, 1971 u li joqghod nru. 279, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 49071M

Gie akkuzat talli fil-31 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar, fi Triq il-Vitorja, Birkirkara;

**1.** ikkommetta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Deborah Farrugia, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li ma teccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu ta' l-istess Deborah Farrugia u/jew ta' xi persuna/i ohra;

**2.** bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Deborah Farrugia kontra l-volonta' taghha;

**3.** filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

**4.** minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Deborah Farrugia f'periklu car, ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Deborah Farrugia, skond kif iccertifikat Dr. Maria Pisani M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Birkirkara;

**5.** fl-istess data w hin, kif ukoll qabel u/jew wara, gewwa Birkirkara, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorini tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Iktar talli fil-31 ta' Jannar, 2013, u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-gzejjer:

**6.** naqas milli jhares xi wahda, jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti (magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.), datat 8 t'April, 2011, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirrinkaza ruhu gewwa San Pawl il-Bahar, bejn it-8 ta' filghaxija u s-7 ta' filghodu, li jiffirma gewwa l-Ghassa tal-Qawra nhar it-Tnejn, Erbgha u Gimgha u li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka '*contrario imperio*' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 8 t'April, 2011 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Antoine Monsigneur, Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' tlett telef Euro (€3000), bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**<u>7.</u>** Fl-ahharnett, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Innutat ku fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.
Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li, inkwantu ghas-sitt **<u>6.</u>** akkuza migjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ma tinsistix li s-somma ta' tlett elef Ewro (€3000) bhala garanzija personali li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u konsegwentement talbu li l-Qorti tastjeni milli tipprovdi ghal tali talba. Inoltre l-istess Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-gizirana giet ritornata lill-sidha u li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 49, 50, 86, 214, 215, 221(1), (2) u (3)(a), 261, 262(1)(a)(b) u (2), 267, 274(c), 275, 276, 277(a), 279(b), 280(2), 289, 578 u 579(1)(2) u (3) tal-Kap. 9 u l-artikoli 9, 6, 51(7) u 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Antoine Monsigneur, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-gizirana giet ritornata lill-sidha u li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u minn naha l-ohra l-fedina penali xejn felici tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Antoine Monsigneur ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija.

Inoltre rigward is-sitt **6.** akkuza migjuba kontra l-imputat Antoine Monsigneur il-Qorti tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 8 t'April, 2011 (Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.) u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Antoine Monsigneur. Fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjali Prosekuturi fil-Verbal tas-Seduta tallum li inkwantu ghas-sitt **6.** akkuza migjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ma tinsistix li s-somma ta' tlett elef Ewro (€3000) bhala garanzija personali li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u konsegwentement talbu li l-Qorti tastjeni milli tipprovdi ghal tali talba, il-Qorti tastjeni milli tipprovdi ghal tali talba.

Finalment, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza flimkien mal-atti kollha ta' dan il-Procediment jintbghatu lill-Avukat Generali fis-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------